MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 78/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**John Azzopardi, ta' 73 sena, bin 'l Pawlu u 'l Guzeppa nee' Spiteri, mwieled Ghajnsielem, nhar il-21 ta' Marzu, 1936, residenti fil-fond numru, 'Lorjon', Triq il-Gnien, Ghajnsielem (Ghawdex) u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 25136(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi John Azzopardi li gie akkuzat talli nhar il-20 ta' Awwissu, 2009, ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (19:00) u granet ta' qabel gewwa Triq il-Gnien, Ghajnsielem, u fi bnadi ohra f'Ghawdex;

a) Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi

awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi bidel is-sett ta' pjanci tar-registrazzjoni CBC717 fuq vettura tat-tip Isuzu TFR bin-numru tar-registrazzjoni CBD712 u x-xassi JAATFR548L7105864 billi wahhal dawn in-numri ai termini tal-Atikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni CBC717 fuq vettura tat-tip Isuzu TFR bin-numru bin-numru tar-registrazzjoni CBD712 u x-xassi JAATFR548L7105864, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta; ;

c) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura tat-tip Isuzu TFR bin-numru tar-registrazzjoni CBD712 u x-xassi JAATFR548L7105864, meta n-numri tar-registrazzjoni kienu CBC717 li kienu jappartjenu ghal vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21, u 31 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza l-licenzja tal-vettura CBC717 fuq il-vettura tat-tip Isuzu TFR bin-numru tar-registrazzjoni CBD712 u x-xassi JAATFR548L7105864, meta n-numri tar-registrazzjoni kien CBC717 li kienu jappartjenu ghall-vettura ohra;

e) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta

f) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din il-vettura bla numru tar-registrazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat :

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali nadifa tal-imputat u l-fatt li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 17, 18, 21 u 31 tal-Avviz Legali 128 tal-1994, l-Artikolu 15(1) (a) (3) tal-Kapitolu 65, Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' liberta kondizzjonata;

Il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-hati ghal zmien sena mil-lum;

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali skont il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------